**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Rikors Nru: 307/2021 LC

**CARMEL SIVE CHARLES BIANCO**
**F’ISMU U GĦAD-DITTA**
**C.BIANCO AUTO DEALER**

*vs*

**MICHAEL MONTFORT**

**Illum, 22 ta’ Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Carmel sive Charles Bianco (K.I. 44368M) f’ismu u għad-ditta C. Bianco Auto Dealer datat id-09 ta’ Novembru 2021 fejn espona u kkonferma bil-ġurament tiegħu illi permezz ta’ sentenza fl-ismijiet *Carmel sive Charles Bianco f’ismu u għad-ditta C. Bianco Auto Dealer vs Michael Montfort* (Talba Nru 1678/2002 AE) deċiża fit-12 ta’ Novembru 2002, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar laqa’ t-talba tal-attur *pro et noe* sabiex jitħallas mingħand l-intimat is-somma ta’ elf, disgħa u għoxrin Liri Maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (LM 1,029.34) ekwivalenti għal elfejn, tlett mija u tmienja u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€2,398.36). bl-interessi mid-data tal-maturità ta’ kull waħda mill-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji ta’ dik l-istess kawża.

Illi huwa għaldaqstant talab lil din il-Qorti joġġhobha, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tawtorizzaħ jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li huwa għandu fil-konfront tal-intimat, u dan taħt dawk il-kondizzjonijiet li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat illi l-intimat Michael Montfort ġie notifikat bil-proċedura odjerna fit-2 ta' Diċembru 2021 iżda ma daħħal ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022, deher ir-rikorrenti li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammont għadu dovut fl-intier tiegħu u li għad għandu interess fl-imsemmi titolu eżekuttiv.

Rat illi fl-istess seduta, l-intimat minkejja li ġie msejjaħ diversi drabi baqa' ma deherx;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li permezz ta' sentenza erogata nhar it-12 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti kiseb titolu eżekuttiv kontra l-intimat għall-ammont ta' €2,397.71 (ċioè Lm 1,029.34), liema ammont jirrappreżenta import ta' tlettax-il kambjala ta' Lm79.18 (ekwivalenti għal €184.44) kull waħda. Jirriżulta wkoll illi dik is-sentenza m'hijiex appellata.[1]

Illi r-rikors odjern qiegħed isir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola:

> ***"258.*** *Wara –*

[1] Ara Dok C a fol. 12 tal-atti proċesswali.

*Omissis*

*(b) għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*

*Omissis*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**[2],:

*"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ."*

Ikkonsidrat;

[2] **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April 2002, (Rik Ġur Nru 2694/99 RCP):

Illi fil-każ *de quo* jirriżulta ampju li s-sentenza ottenuta mir-rikorrenti tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ampju wkoll li l-perjodu maħsub fl-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada u r-rikorrenti għad għandu interess fl-eżekuzzjoni tas-sentenza;

Illi finalment, ir-rikorrent kkonferma bil-ġurament tiegħu ix-xorta tad-dejn li qiegħed ifittex l-esekuzzjoni tiegħu u li dan għadu dovut fl-intier tiegħu sal-ġurnata tal-lum;

B'hekk il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn m'għandhiex tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dan peress li l-elementi kollha rikjesti mil-liġi huma sodisfatti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv huwa ottjena fil-konfront tal-intimat bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq indikata.

Bl-ispejjez tal-preżenti a karigu tal-intimat.

ft/Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**